MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

SEDUTA TAT-2 TA' APRIL, 2014

NUMRU. 512/2011

IL-PULIZIJA

(Spettur Sandra Zammit)

Vs

**STEPHEN CHIRCOP**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Stephen Chircop** ta 44 sena mwieled 25/4/1966 Pieta bin Joseph u Filippa nee Spiteri u residenti No 332 Flat 1A, Triq il-Kbira, Zebbug Malta detentur tal-karta tal-identita numru **185766M** gie akkuzat talli :

1. F'dawn il-gzejjer, fil-31 ta' Dicembru 2010 f'San Pawl il-Bahar f'xi hin bejn nofs inhar u t-tlieta ta' wara nofs inhar b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkagunajt offizi gravi fuq il-persuna ta' Paulanne Spiteri hekk kif gie iccertifikat minn Dr Paul Zammit MD Reg no 3242 ta' Mater Dei Hospital liema offiza tal-gisem iddum ghal tletin gurnata jew izjed;

2. U aktar talli fl'istess jum, hin, lok u cirkostanzi soqt b'manjiera traskurata u perikoluza;

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tiskwalifika lill-imputat mill-licenzja/i tas-sewqan kollha tieghu ghal perjodu li jidrilha xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda moghtija bil-gurament u semghet lill-imputat minn jeddu bil-gurament;

Rat ir-*Rinvio a Giudizio* tal-Avukat Generali tal-21 ta` Gunju 2012 li jinsab *a folio* 47 tal-atti, li bih deherlu li mill-kumpilazzjoni kondotta, tista tinstab htija jew htijiet skond l-Artikoli hemm stess indikati;

Rat li fl-udjenza tal-25 ta` Gunju 2012 l-imputat iddikjara li ma jsibx oggezzjoni li l-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur;

**Ikkunsidrat**;

Illi in succinct, il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. Nhar il-31 ta` Dicembru 2010, ghall-habta tas-1.30pm, gewwa Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar sehh incident. Waqt li numru ta` zaghzagh kienu mexjin, min fuq il-bankina, u ohrajn fit-triq in kwistjoni, kienet ghaddejja vettura bin-numru ta` registrazzjoni HAW 353, misjuqa mill-imputat. Peress li l-imputat ra li kien hemm in-nies fit-triq, daqq il-horn u mbaghad saq. Kien hawnhekk, skond il-verzjoni tal-prosekuzzjoni, li l-imputat laqat lil Paulanne Spiteri meta din kienet qed taqsam fl-istess triq u hija sofriet griehi konsistenti fi ksur. L-imputat, filwaqt li jikkonferma li kien qed isuq propju f’dak il-hin, jinnega li huwa laqat lil xi hadd. Wara rapport maghmul miz-zaghzagh, il-pulizija ghamlet l-accertamenti taghha u ressqet lill-imputat quddiem il-Qorti.

**Ikkunsidrat**;

Illi din il-Qorti tippuntwalizza li l-imputazzjonijiet originali u dawk indikati fir-*rinvio a giudizio*, u moqrija lill-imputat fl-udjenza tal-25.06.2012, huma s-segwenti :

Art 226 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta – offiza involontarja fuq il-persuna li tattira piena ta` prigunerija ghal mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn €2329.37.

Art 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta – ir-reat ta` sewqan b’nuqqas ta’ kont, bi traskuraġni, jew b’mod perikoluż jattira l-piena tal-multa ta’ mhux iżjed minn €232.94 jew tal-priġunerija ta’ mhux iżjed minn tliet xhur. Meta r-reat ikun jikkonsisti f’sewqan ta’ vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b’mod perikoluż, il-qorti, b’żieda tal-piena għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f ’każ ta` l-ewwel kundanna, għal żmien ta’ mhux anqas minn tliet xhur, u f’każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta’ mhux anqas minn sena.

***DWAR IL-FERITI***

Mic-certifikati medici esebiti in atti u depozizzjonijiet ohra tat-tobba – ara *folios* 14, 18 u 19, u 39 sa 41 – jirrizulta sodisfacentement illi kawza ta` dan l-incident, Paulanne Spiteri sofriet griehi ta` natura gravi fit-termini ta` l-Artikolu 226(1)(b) b'rabta mad-dispozizzjonijiet ta` l-Artikolu 216(1)(a)(ii)(iii)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

***DWAR ID-DINAMIKA TA` L-INCIDENT***

F'dan l-aspett il-Qorti qieset sew u fid-dettal il-provi u r-rizultanzi processwali kollha u dawn, mehuda lkoll flimkien, huma tali li ma jhallu ebda dubbju f'mohh din il-Qorti li l-incident mertu ta` din il-kawza kien rizultat ta` sewqan perikoluz minn naha ta` l-imputat. *Ex admissis*, l-imputat jghid li hu kien qed isuq f'dik it-triq u f'dak il-hin. Meta huwa ra li kien hemm nies fit-triq, daqq il-horn sabiex izulu. U meta, fil-fehema tieghu, seta jkompli fi triqtu, huwa saq. Skond hu, huwa ma kien laqat lil hadd. Minn naha l-ohra x-xhieda okulari jixhdu illi effettivament l-imputat vera daqq il-horn, izda xorta saq bil-konsegwenza li ntlaqtet Paulanne Spiteri.

Fil-fehema ta` din il-Qorti, is-sewqan ta` l-imputat fil-mument in kwistjoni gabu passabbli ghar-reati addebitati lilu fir-*rinvio a giudizio* ta` l-Avukat Generali.

**Ikkunsidrat;**

Illi in tema ta` piena din il-Qorti hi tal-fehema li l-portata ta` l-incident timmerita l-impozizzjoni ta` piena pekunjarja adegwata, u l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan (din hi wahda tassattiva), anke jekk din ser tkun fil-minimu taghha, u dana sabiex l-imputat jifhem u japprezza l-importanza tal-attenzjoni u l-galbu li jehtieg li jipprattika meta jkun qed isuq.

**Konkluzjoni;**

**GHALL-MOTIVI PREMESSI L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 226(1)(b), u 216(1)(a)(ii)(iii)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, **issib u tiddikjara lil Stephen Chircop hati ta` l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena tal-multa fis-somma ta` tlett mitt Euro (€300) u tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan ghal perjodu ta` tlett (3) xhur li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl ta` l-ghada li din il-kawza tghaddi in gudikat**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------